**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 1 ta' Marzu 2022**

Rikors Numru: 592/21 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 664/2000)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata nhar id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) fil-Knisja Parrokjali tal-Hal Qormi ta' San Bastjan, estratt tac-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi huwa ssepara legalment minn mal-intimata permezz ta' kuntratt bonarju ta' separazzjoni datat sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u

hdax (2011) fl-atti tan-Nutar Dottor Alexandra Micallef kopja tal-istess anness u mmarkat bhala Dok. B;

3. Illi l-konjugi B ilhom de facto separati mill-elfejn u hdax (2011) u ghalhekk ferm oltre it-terminu ta' sitt (6) xhur, rikjest mil-ligi;

4. Illi l-kbira minn ulied il-partijiet illum hija magguri u l-ebda manteniment m'hu dovut filwaqt li z-zghir mill-ulied ghadu minuri pero l-manteniment dejjem thallas fil-pront;

5. Illi l-partijiet m'ghandhom ebda pendenza ta' manteniment bejniethom stante skont il-kuntratt tas-separazzjoni huma ddekadew reciprokament mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin;

6. Illi l-partijiet ma hemmx lok li jergghu jirrikonciljaw u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi l-mittenti jixtieq jottjeni d-divorzju jew hall taz-zwieg, u dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-zwieg;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet li:

a. Illi l-esponenti ma topponix ghat-talba ghad-divorzju puirche hu jibqa` jonora l-obbligu tal-hlas ta' manteniment kif hemm indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni mehmuza fir-rikors promotorju mill-istess rikorrent.
b. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kas li dina l-qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg, l-esponenti taghzel li zzomm il-kunjom ta' mizzewga "B";
c. Ghal din it-talba tar-rikorrent, l-esponenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, liema spejjez ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mir-rikorrent.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Jannar 2022;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-17 ta' Frar 2011.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat ukoll illi l-intimata se tibqa' zzomm kunjomha mizzewga "B";

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.